SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 12/K8/16**

**Laqgħa numru 12 tal-Leġislatura Nru. 8**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 17/02/16** **390**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14** **20**

## 12.01 Introduzzjoni

**12.01.01** Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar 2016.

**12.01.02** Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00p.m.

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Karl Gouder | Sindku | KG | Preżenti |
| Guido Dalli | Viċi Sindku | GD | Preżenti |
| Martin John Sultana | Kunsillier | MJS | Preżenti |
| Dott. Albert Buttigieg | Kunsillier | AB | Skużat |
| John Agius | Kunsillier | JA | Preżenti |
| Adrian Dominic Ellul | Kunsillier | ADE | Prezenti |
| Clayton Luke Mula | Kunsillier | CLM | Preżenti |
| Clayton Tanti Gregoraci | Kunsillier | CTG | Preżenti |
| Rita Dimech Portelli | Kunsilliera | RDP | Skużata |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Iskrivana | CCF | Preżenti |

12.01.03 Kien preżenti wkoll l-Ambaxxatur tal-Żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi.

12.01.04 Kien preżenti wkoll l-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea.

12.01.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1)

12.01.06 Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

12.01.07 Inqrat it-Talba.

**Aġenda**

12.01.08 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-9 ta' Frar 2016. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju 2015
4. Rapport Amministrattiv / Laqgħa Annwali
5. Ġbir ta' Skart
6. Ġieħ San Ġiljan
7. Kommunikazzjoni miċ-Ċermen.
8. Update tal-proġetti.
9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
10. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
11. Aġġornament tal-Laqgħa.

## 12.1 Approvazzjoni ta' Minuti

12.1.01 Is-Sindku ressaq il-Minuti 11/K8/16 għall-approvazzjoni.

12.1.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

12.1.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekondah.

12.1.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**12.1.05** Inqrat ittra li l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli tiġi skużata ghal din il-laqgħa u ġiet aċċetata. Filwaqt li rċivejna wkoll mingħand il-Kunsillier Dott. Albert Buttigieg sabiex jiġi skużat għal-laqgħa ta' llum u din ġiet aċċetata. (Ara Inc. 967/16)

## 12.1.2 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

**12.1.2.01** Ma kienx hemm Minuti ta' Paceville minħabba li l-laqgħa għadha ma saritx.

**12.1.02** Saret sospenzjoni tal-Aġenda biex jiġi diskuss item 3 qabel item 2.

## 12.3 Rapport Finanzjarju

**12.3.01** Il-Kunsill ġie pprezenta bir-Rapport Finanzjarju 2015 (Ara Appendiċi 'A')

**12.3.02** L-Accountant is-Sur Daniel Galea ta spjegazzjoni fid-detal tar-Rapport Finanzjarju 2015.

**12.3.03** Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament mal-Rapport Finanzjarju 2015.

**12.3.04** L-accountant ġie skużat fl-4.25p.m.

## 12.2. Korrispondenza

**12.2.01** Fuq il-mejda tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**12.2.02** **Rif Nru. 171**

Saret riferenza għat-Talba mingħand il-Perit Claude R. Mallia għal tibdil fl-*area* fejn għandhu l-imwejjed u siġġijiet. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill li qabel jingħata n-no objection issir laqgħa ma' l-operaturi ta' l-akwati sabiex ikun hemm uniformita fil-platforms li

jistgħu jinbnew f' dik iż-żona flimkien ma' dik l-waħda preżenti.

**12.2.03 Rif Nru. 224**

Saret riferenza għat-talba mingħand l-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Josianne Cutajar għar-Reduced Hours. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**12.2.04 Rif Nru. 232**

B' riferenza għat-talba mingħand Frank Salt Ltd għal *Advertising barriers* fil-lokalita', ġie deċiż il-Kunsill għalissa mhux ser jżied aktar barriers fil-lokalita'.

**12.2.05 Rif Nri. 272, 363, 575, 812, 570, 893 & 939**

Saret riferenza għat-talbiet għal-permess f' St. Patrick's Day. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jinħarġu l-permessi għal-estensjoni ta' l-barijiet li hawn fil-lokalita' filwaqt li talbiet ohra ma jigux milqugha. Importanti li waqt l-attivita' ta' St. Patrick's Day jkun hemm sorveljanza massima mill-pulizija tal-area Għandha ssir laqgħa mal-Pulizija sabiex jigi kkoordinat ix-xoghol kollu għal St. Patrick's Day filwaqt li għal dik il-ġurnata Triq Dragunara tigi miftuħa bil-kontra sabiex jiġi evitat li jaqa' ħafna traffiku fil-Pjazza ta' Spinola.

**12.2.06 Rif. Nru. 260 & K77**

Saret riferenza għall-korrispondenza dwar inċident li seħħ fi Triq Birkirkara, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jsir l-pagament.

**12.2.07 Rif Nru. 643**

Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand l-*Convenant of Mayors* dwar *webinar.*

**12.2.08 Rif Nru. 765**

Kien hemm talba mingħand il-Paroċċa ta' San Ġiljan sabiex titella' wirja dwar l-Paroċċa b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, filwaqt li l-Kunsill qabel li joħroġ l-ispejjeż tas-sala, il-Kunsill ser jitkellem mas-sidien tas-sala sabiex jinħareġ prezz favorevoli.

**12.2.09 Rif Nru. 880**

Saret riferenza għall-email mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar il-proposta għal *courses* mingħand it-TCTC. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ser jara eżattament x kien ir-rispons min-naħa tan-nies jekk ikun hemm ammont diċenti l-Kunsill jkun jista' japplika.

**12.2.10 Rif Nru. 882**

Saret referenza għall-email mingħand il-Kunsillier Martin John Sultana dwar ix-xogħol fuq il-ħitan fi Triq Ta' Ġiorni. Il-Kunsill gie nfurmat li nħarget *Purchase Request Sheet.*

**12.2.11 Rif Nru. 890**

Saret riferenza għat-talba mingħand il-Perit Anthony Bezzina rigward x-xogħolijiet ta' Wesgħet Agostino Savelli u Triq Bertha K. Ilg. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li għandha tinġieb kwotazzjoni mingħand il-perit sabiex jingħata t-tarmac f' parti biss mit-triq.

**12.2.12 Rif Nru. 943**

Saret riferenza għat-talba għal Un/loading Bay fi Triq Ross quddiem Rivareno Gelato. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din għandha tintbagħat lit-Transport Malta.

## 12.4 Rapport Amministrattiv / Laqgħa Annwali

**12.4.01** Kif kien ġie diskuss fil-laqgħat ta' qabel il-laqgħa ġenerali ser issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016 fis-6.30p.m. ġewwa l-iskola primarja ta' San Ġiljan u ser tintbagħat ittra lir-residenti kollha sabiex ikunu avżati bil-laqgħa u li wara l-laqgħa ser ikun hemm bibita' żgħira.

**12.4.02** Għandha tintbagħat soft copy tar-Rapport Amministrattiv lill-Kunsilliera kollha (Appendiċi 'B')

## 12.5 Ġbir ta' Skart

**12.5.01** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar l-iżvillup dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-operatur tal-ġbir tal-borza l-griza. Wara li għal xahrejn sħaħ l-Green MT baqa ma għaddiex kuntratt bil-miktub ta' dak kollu li ġie miftiehem u li sussegwementament irċievejna kuntratt wara l-15 ta' Diċembru 2015, fejn tħallew barra diversi kundizzjonijiet li kien ġew miftehma. L-Kunsill ma kellux triq oħra ħlief li jerġa jibda d-diskussjonijiet mal-Green Pak. Il-Kunsill kellu quddiemu żewġ offerti :

1. **Green Pak** – li l-Kunsill ikun responsabbli mill-ġbir iżda jingħata ħlas lura ta' €70.00 per ton.

2. **Green MT** – kien qiegħed joffri li jkun responsabbli mill-ġbir tal-borża l-griża għas-spejjez tiegħu (wara laqgħa ma' l-operaturi tal-Green MT, it-Tnejn 15 ta' Frar 2016, fl-aħħar mument il-Green MT, tawna bil-miktub dawk il-kundizzjonijiet li kienu nieqsa).

Wara diskussjoni fit-tul, u ttieħdet inkonsiderazzjoni l-attitudni tal-Green MT, kien hemm qbil unanimament li l-kuntratt jingħata lill-Green Pak, u wara perjodu ta' xahrejn it-Tlieta u l-Ġimgħa tibda tinġabar il-borza l-griza biss.

**12.5.03** Il-Kunsillier Adrain Domenic Ellul gie skuzat fis-6.20p.m.

## 12.6 Ġieħ San Ġiljan

**12.6.01** Ġieħ San Ġiljan din is-sena ser isir nhar il-Ħadd 3 t' April 2016 minflok fil-ġurnata propja tiegħu li hi 4 t' April

minħabba li l-ġurnata ser tkun it-Tnejn. Din l-attivita' ser issir ġewwa l-iskola primarja. Waqt l-attivita' ser jittela' kunċert klassiku, jsir diskors mis-Sindku u jingħata Ġieħ San Ġiljan. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera għandhom jiltaqgħu flimkien sabiex jiġi diskuss min ser jingħata Ġieħ San Ġiljan. Ser isiru diskussjonijiet mas-Sur Michael Aquilina sabiex naraw l-aħjar modd kif tkun composta din il-banda żgħira.

## 12.7 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

**12.7.01** Iċ-Ċermen ser jitlob li ssir laqgħa mas-Sindku tas-Swieqi u ta' San Ġwann fir-rigward it-touristic village li qed jiġi propost li ser issir f' Wied Għomor.

**12.7.02** Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jinħareġ it-tender ta' Maintanance of Traffic Signs and Road Markings.

**12.7.03** Iċ-Ċermen irringjazja lill-Kunsilliera Rita Dimech Portelli għall-inizjattiva li ħadet sabiex kull l-ewwel sibt tax-xahar isiru *blood tests* ġewwa l-Kunsill Lokali.

## 12.8 Update tal-Proġetti

**12.8.01** **Proġett Dar ta' l-Anzjani** – Saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għad-drittijiet ta' persuni b' diżabilita' u Anzjanita' Attiva l-Onor Dott. Justyne Caruana fejn fiha ġejna nfurmati li ser tittieħed azzjoni sabiex dan il-proġett jitkompla.

**12.8.02** **Xatt is-Sajjieda** – il-proġett ser isir iżda mhux ser isir qabel ma jispiċċa s-sajf. Iċ-Ċermen ser ikellem lill-*Cleansing Service Directorate* sabiex titnaddaf is-slip way.

## 12.9 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

**12.9.01** Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

**12.9.02** Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

**12.9.03** Il-Viċi Sindku Guido Dalli ssekondah.

## 12.10 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**12.10.01** Il-Kunsill ġie pprezentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3884 sa' Nru. 3904 (Ara Appendiċi 'D').

**12.10.02** Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3884 sa' Nru. 3904.

## 12.11 Affarijiet oħra meqjusa urġenti u Aġġornament

**12.11.01** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar 11 ta' Marzu 2016 fl-4.00p.m.

**12.11.02** Tinbagħat ittra lill-ELC sabiex jinżabru is-siġar li hemm fil-Pjazza tal-Balluta minħabba li kibru ħafna.

**12.11.03** Il-Pjazza li hemm bejn Triq San Mark u Triq Lapsi għandha tingħata isem.

**12.11.04** Issir biz-zebgħa roundabout f' Telghet Birkirkara kif tkun ser iddur ghal Ta' Giorni Wolves. Din ir-roundabout għandha ssir biz-zebgħa biss peress li ma tkunx tista' ddur Ta' Linja.

**12.11.05** Tintbagħat ittra lill-Enemalta, Melita u Go sabiex jiġu rranġati l-wires mdendlin fil-baxx li hemm fil-Village Core jiġifieri Triq Sant' Anglu, Triq Sant' Elija, Triq Lapsi, Triq il-Kbira, Triq il-Karmnu u Telgħet Birkirkara minħabba li din is-sena l-istatwa ta' San Ġiljan ser tgħaddi minn hemm.

**12.11.06** Il-laqgħa ntemmet fis-7.05p.m.

**Karl Gouder**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**